# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

# ILLUM, 27 ta' April 2023

# Rikors Nru. 180/2022 GM

**Carmen Paris K.I. 663655M fil-vesti tagħha ta' mandatarja speċjali tal-assenti Frank Aquilina (Passaport Awstraljan bin-numru M8275221) u**
**Michael Aquilina (Passaport Awstraljan bin-numru PA2387144)**

**vs**

**Yvonne Aquilina K.I. 583578M**

## Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Carmen Paris fil-vesti tagħha ta' mandatarja speċjali tal-assenti Frank Aquilina u Michael Aquilina, li permezz tieghu wara li ppremettiet illi :

1. Frank Aquilina (Passaport Awstraljan bin-numru M8275221) u Michael Aquilina (Passaport Awstrajlan bin-numru PA 2387144) huma wlied Manuel sive Leli Aquilina (K.I. 806837M) li ġie nieqes fit-18 ta' Settembru 2021 skont iċ-ċertifikat tal-mewt immarkat bhala dok A;

2. Manuel sive Leli Aquilina kien jghix f'maisonette internament markat bin-numru tmienja (8) li jinsab f' Taċ-Ċawla Court, Triq Ġużeppi Penza, Ħal Luqa.

3. Fl-4 ta' Jannar tal-2017, sar kuntratt ta' donazzjoni, quddiem in-Nutar Dr Corazon Mizzi fejn Manuel sive Leli Aquilina (K.I. 806837M), ittrasferixxa l-imsemmija proprjeta' immobbli b'titolu ta' donazzjoni lin-neputija tieghu Yvonne Aquilina (K.I 583578M) kif ukoll il-proprjeta' mobbli kollha li tinsab fl-istess proprjeta' immobbli;

4. Dan il-kuntratt ta' trasferiment sar bl-inteża li Manuel sive Leli Aquilina jibqa' jghix fil-proprjeta' sa ma jmut u fl-istess hin l-intimata kellha tibqa' tiehu ħsiebu u ddur bih sa ma jmut.

5. Il-validita' ta' dan it-trasferiment kien ukoll soggett ghal numru ta' pattijiet u kundizzjonijiet kif indikat fl-imsemmi kuntratt (anness ma' dan ir-rikors guramentat u mmarkat bħala dok. B).

6. Il-kunsens ta' Manuel sive Leli Aquilina kien diga' inghad sabiex jittrasferixxi l-proprjeta' immobbli u mobbli indikata hawn fuq kien sar bil-patt u l-kundizzjoni li Manuel sive Leli Aquilina, jibqa' jghix fl-istess proprjeta' immobbli sa ma jiġi nieqes, filwaqt li l-intimata tibqa' tieħu ħsiebu u ddur bih;

7. Il-konvenuta, ftit ta' żmien wara li sar it-trasferiment b'donazzjoni, gieghlet lil Manuel sive Leli Aquilina jivvaka l-istess proprjeta' u jidhol fir-residenza San Vinċenz De Paule dan minkejja li Manuel sive Leli Aquilina kien ghadu fi stat ta' saħħa tajba u seta' jkompli jabita fir-residenza tieghu. Dan nonostante, kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża, il-protesti ta' Manuel sive Leli Aquilina.

8. Il-konvenuta induċiet lil Manuel sive Leli Aquilina jersaq ghal kuntratt tal-4 ta' Jannar 2017 b'ghemil doluż u b'inganni maghmulin minnha cioe' li kienet ser tibqa' tiehu hsiebu gewwa l-imsemmija proprjeta' sa ma jmut;

9. Meta Manuel sive Leli Aquilina dahal fir-residenza San Vinċenz De Paule u ghal diversi drabi kien jghid lill-intimata sabiex tiehdu lura fil-proprjeta' tieghu madanakollu hija qatt mar-rispettat ix-xewqa tieghu anzi ħallietu maqful fl-istess residenza.

10. Manuel sive Leli Aquilina kien ghamel rapport lill-Pulizja, di sua sponte, illi l-intimata, kienet daħqet bih meta haditu jghix fir-residenza San Vincenz de Paule kontra 1-volonta' tieghu.

11. Id-defunt Manuel sive Leli Aquilina fisser il-lanjanzi tieghu permezz ta' Att gudizzjarju datat 30 ta' Marru 2021;

12. L-intimata pero' baqghet inadempjenti.

13. Carmen Paris K.I. 663655M taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Ghaldaqstant kellhom jitressqu l-proceduri odjerni.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li kuntratt ta' donazzjoni li sar bejn Manuel sive Leli Aquilina u l-intimata, fl-4 ta' Jannar tal-2017, quddiem in-Nutar Dr Corazon Mizzi, ghandu jiġi dikkjarat null (ai termini tat-Artikolu 981 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) stante li l-kunsens ta' Manuel sive Leli Aquilina ġie meħud b'għemil doluż u inganni magħmulin mill-intimata, li kienu tali illi mingħajrhom is-Sur Aquilina ma kienx jikkuntratta.

2. Minghajr preġudizzju ghall-ewwel talba u fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti ma takkoljiex l-istess, tħassar il-kuntratt ta' donazzjoni li sar bejn Manuel sive Leli Aquilina u l-intimata, fl-4 ta' Jannar tal-2017, quddiem in-Nutar Dr Corazon Mizzi stante ingratitudni ai termini tal-Artikola 1787 tal-Kap. 16 tal-Liġiiiet ta' Malta.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Yvonne Aquilina li permezz taghha eċċepiet illi:

1. Fl-ewwel lok, l-azzjoni attriċi hija preskritta, u dan *ai termini* tal-artikolu 1790(l) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 1222(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi sabiex jipproponu din il-kawża odjerna, hekk kif l-atturi ma humiex parti mill-kuntratt impunjat u ghalhekk l-azzjoni rexissorja ma tmissx lilhom, u r-Rikors Guramentat huwa sajjem ghal kollox mill-prova dwar l-allegata rclazzjoni tal-atturi mad-defunt, jew dwar jekk dawn humiex il-werrieta tad-defunt Manuel sive Leli Aquilina fl-atturi;

3. Minghajr pregudizzju għas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u dan kif ser jintwera fil-mori tal-kawża.

Rat is-sentenza tagħha in parte mogħtija fit-13 t'Ottubru 2022 li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont Art. 1790(1) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk ċaħdet it-tieni talba; ċaħdet l-eċċezzjoni tal-

preskrizzjoni skont Art. 1222(1) tal-Kodiċi Ċivili, u ordnat il-prosegwiment tal-kawża dwar l-ewwel talba.

Semgħat is-sottomissjonijet bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta.

Din hija sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta. Permezz tagħha hija tilqa' għat-talbiet tal-atturi billi ssostni li l-atturi ma kinux parti fil-kuntratt ta' donazzjoni li qegħdin jattakkaw u għalhekk l-azzjoni rexxissorja ma tmissx lilhom. Lanqas allegaw, u wisq inqas ippruvaw, li huma l-werrieta tad-donant. Fi kliem ieħor il-konvenuta qiegħdha tressaq l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku, jew, kif jissejjaħ fil-liġi Taljana, l-*interesse ad agire*.

Il-kodiċi proċesswali tagħna imkien ma jsemmi, u wisq inqas jiddefenixxi, l-interess ġuridiku. Huwa s-suġġett ta' dibattitu dottrinali u ġurisprudenzjali jaħraq u għalhekk xejn ma huwa faċli li tingħatalu tifsira u portata preċettiva.

Il-kunċett għandu l-għeruq tiegħu fit-terren pre-kodiċistiku ta' Franza, fejn kien magħruf sempliċiment bħala regola tal-bon sens li m'għandhomx jitressqu quddiem il-Qorti domandi ozjużi li jaħlulha l-ħin bi kwistjonijiet mhux ta' siwi għall-attur. L-ewwel kodiċi ta' proċedura Franċiż ma jsemmiħx. Kien biss in-*Nouveau Code de Procedure* ippromulgat fis-sena 1975, li, permezz tal-Art. 31 tiegħu ikkonsagra l-massimi famużi *pas d'interet pas d'action* u *l'interet est la mesure des actions*:

> *L'action est ouverte a` tous ceux qui on un interet legitime au success ou au reject d'une pretention, sous reserve des cas dans lequels la loi attribute le droit d'agir aux seules personnes qu'elle qualifie pour elever ou combattre unde pretention, ou pour defender un interet determine`.*

Il-kunċett iżda daħal fil-kodiċijiet tal-Ġermanja u tal-Italja. Fil-kodiċi ta' proċedura preżenti Taljan, l-Art. 100 jaqra hekk:

> *Per proporre una domanda o per contraddire alla stessa e` necessario avervi interesse.*

Il-kundizzjonijiet tal-azzjoni jiġu determinati *in limine,* abbażi tal-affermazzjoni tagħhom fl-att introduttiv tal-ġudizzju, fl-ambitu ta' valutazzjoni preliminari formali ta' jekk ipotetikament id-domanda tistax tintlaqa' jew le, ġaladarba jiġu ppruvati l-fatti li jservu ta' premessi għall-ilqugħ tagħha. Jekk jonqsu l-kundizzjonijiet tal-azzjoni, jew xi waħda minnhom, ikun hemm karenza tal-azzjoni u l-Qorti ma jkollhiex għalfejn tippronunzja ruħha fuq il-mertu, imma tillimita ruħha billi tiddikjara li d-domanda ma tkunx ammissibbli.

Il-ħtieġa li jkun hemm interess isservi sabiex jiġi evitat l-eżami tal-mertu, meta d-domanda jew id-difiża jistgħu jkunu validi imma l-ilqugħ tagħhom ma jġib l-ebda effett utli fl-isfera ġuridika lil min ikun ressaqhom quddiem il-Qorti.

L-aċċertament tal-interess ġuridiku huwa differenti minn dak tad-dritt sostanzjali. F'dan tal-aħħar tiġi ġudikata l-konformita` effettiva tan-norma sostanzjali għall-effett ġuridiku mitlub, filwaqt li tal-ewwel jikkonsisti f'indaġni dwar *l-idonejita` astratta* tal-pronunzja mitluba għall-kisba tar-riżultat utli ittamat, ikkunsidrat konformi għan-norma invokata skont ġudizzju *ipotetiku.*

Dak li qiegħdin jitolbu l-atturi huwa r-rexxissjoni ta' kuntratt ta' donazzjoni magħmul minn missierhom u allegatament ipprokurat b'għemil doluż u ingann mill-konvenuta. Fin-noti ta' Caruana Galizia ġie osservat li "*There is rescission when the act, though in itself valid, is injurious to one of the parties*".[1] Fi kliem ieħor l-atturi qegħdin jitolbu li l-kuntratt jiġi annullat. L-annullament huwa differenti minn talba għan-nullita`; in-nullita` tista' tiġi mqanqla minn kull min ikollu interess filwaqt li l-annullabilita` tiddependi mill-inizzjattiva tal-parti "protetta" mil-liġi. Il-kuntratt null ma jistax jiġi konvalidat sakemm il-liġi ma tgħidx xort'oħra; il-kuntratt annullabbli normalment jista' jiġi konvalidat mill-parti fil-kuntratt li tista' titlob l-annullament tiegħu. Huwa dritt potestattiv tagħha. Sta għall-parti "protetta" fil-kuntratt, li tkun milquta bil-vizzju jew ippreġudikata bil-konklużjoni tiegħu, u għal ħadd iktar li taġixxi għall-annullament tal-kuntratt:[2]

> *Ma e` di fronte al caso delle nullita` strutturali che diventa del tutto evidente come la nullita` possa proteggere* ***soltanto***[3] *gli interessi di una delle parti. La nullita` che reagisce alla mancanza di causa nel contratto e` evidentemente calibrate sulla protezione di chi si e` vincolato in assenza di una ragione giustificativa".*

Il-ġurisprudenza tagħna tgħallem li d-dritt ta' rexxissjoni mhux dritt mogħti lit-terz biex iħassar kuntratt li fih hu ma kienx parti.[4] Hekk ukoll jaffermaw il-ġuristi Taljani.[5]

---

[1] Notes on Civil Law, Revised Edition 1978, paġna 375.
[2] Ara Vincenzo Roppo, Trattato del Contratto (2006) Vol IV – Rimedi – I paġna 342:
[3] L-enfasi hija tal-Qorti.
[4] Ara Giuseppe Attard v Francesco Xuereb 03.12.2007 Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (Maġ – illum Imħ. Anthony Ellul) u l-ġurisprudenza hemm iċċitata Anthony J. Terreni v Dr Rene` Frendo Randon 20.10.2005 Prim'Awla; Zammit Tabona v Grech 07.05.1986 Qorti tal-Kummerċ.
[5] Giorgi Delle Obbligazioni Vol VII para 146; Ricci, Diritto Civile Vol VI, Titolo IV para 348

Fl-artiklu 1225 tal-Kodiċi Ċivili jingħad li "**Il-jedd tal-azzjoni għar-rexxissjoni jgħaddi fil-werrieta"**. Ma jgħidx "jgħaddi **biss** għand il-werrieta", kif kitbet il-konvenuta fir-rikors tagħha. B'danakollu, jidher li hekk ried ifisser il-leġislatur. Tant li l-*conditor* tal-Kodiċi Ċivili jirrimarka maġemb l-Art. 933 tal-Ordinanza (illum Art. 1225 – disposizzjoni li qatt ma ġiet mibdula jew sostitwita): "Toullier IV, p. 256, sostiene che **non si puo` esercitare dai creditori**".[6]

*Ex admissis* l-attur mhumiex werrieta ta' missierhom. Isostnu li huma leġittimarji. Kif inhu sewwa magħruf, il-leġittimarji mhumiex werrieta u llum il-ġurnata lanqas għandhom sehem mill-wirt, imma huma biss kredituri tal-assi ereditarju. Li jfisser li m'għandhom l-ebda dritt sostanzjali x'jipproteġu fl-eventwalita` li tassew jirriżulta li l-kunsens ta' missierhom ittieħed bi frodi. Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta u m'hemmx għalfejn tkompli billi teżamina l-mertu tal-każ.

***Decide*:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta, tiddikjara li l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku biex jippromwovu din il-kawża u għalhekk tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju.

[6] Enfasi hija tal-Qorti.

Spejjeż a kariku tal-atturi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA